**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Hamis 5 ta' Lulju, 2018**

**Rikors Revoka Numru : 337/2018 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**Claude Zammit (186776M),**

**Justin Zammit (572578(M) u**

**Andrew Zammit 915151 (M)**

**Vs**

**Saviour Micallef (333765M) ,**

**Herman Sant ID Nru 439971(M),**

**Joan Mizzi, bhala eredi ta' Alfred Mizzi ID Nru 536357(M),**

**Clint Galea ID Nru 377582(M) u**

**Topfresh Trading Ltd C43592**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Clint Galea (377582M) datat 13 ta' April, 2018, a fol 1 et sew li jaqra hekk:

*Rikors revoka mandat*

1. *Illi s-sekwestrati kienu talbu l-hrug tal-mandat kawtelatorju odjern nhar l-10 ta' Mejju, 2013 ghas-somma ta' mija u hdax-elf Euro (€110,000), allegatament dovuti bhala flus imselfa minnhom lis-sekwestrati permezz ta' skrittura tat-12 ta' Marzu, 2010*[1]*, u liema jedd kien gie wkoll dedott fil-kawza presentata kontestwalment.*

2. *Illi din l-Onorabbli Qorti kienet laqghet it-talba tas-sekwestranti u ordnat il-hrug tal-mandat odjern nhar it-13 ta' Mejju, 2013.*

3. *Illi fis-sentenza taghha fuq il-mertu, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili lliberat lill-esponent u lill-intimati l-ohra mharrka f'isimhom personali, u dan abbazi tal-fatt illi s-self sar lill-kumpannija Topfresh Trading Limited ("**Topfresh**") b'mod esklussiv u li l-intimati l-ohra dehru biss fuq l-imsemmija skrittura ghan-nom u in rappresentanza tal-istess kumpannija Topfresh.*[2] *Filfatt dik l-Onorabbli Qorti kienet iddikjarat ukoll illi l-kumpannija Topfresh responsabbli ghas-self li kien sar lilha u kkundannata thallas lura l-istess.*

4. *Illi sussegwentement, nhar l-24 ta' Ottubru, 2017, is-sekwestranti kienu intavolaw l-appell taghhom mis-sentenza, liema appell kurrentement ghadu pendent.*

5. *Illi l-esponenti sejjer juri, permezz ta' dan ir-rikors:*

    a) *Illi l-kreditu li s-sekwestranti qieghdin jippretendu li jikkawtelaw permezz tal-mandat odjern, huwa dovut biss mill-kumpannija Topfresh u mhux mill-esponenti, fatt li jirrizulta wkoll minn livell ta' ezami prima facie;*

    b) *Illi filfatt is-sekwestranti m'ghandhom l-ebda pretensjoni x'jikkawtelaw kontra l-esponent, u dan kif jirrizulta minn livell ta' ezami prima facie;*

    c) *Illi ghalhekk il-mandat fl-ismijiet premessi mhuwiex gustifikati u ghandu jitnehha skond il-ligi.*

6. *Illi kif inghad, is-sekwestranti kienu talbu l-hrug tal-mandat odjern sabiex jikkawtelaw*

---
[1] Vide kopja annessa u mmarkata Dok.A
[2] Vide kopja tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' nhar l-4 ta' Ottubru, 2017 fl-ismijiet 'Claude Zammit et –vs- Saviour Micallef et' (457/2013), hawn annessa u mmarkata Dok B.

*il-pretensjoni taghhom naxxenti minn self illi huma kienu ghamlu skond l-iskrittura ta' nhar it-12 ta' Marzu, 2010 kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok 'A'.*

7. *Illi mill-iskrittura stess jirrizulta bl-aktar mod car illi s-self in kwistjoni kien sar lill-kumpannija Topfresh. L-esponent kien deher fuq l-imsemmija skrittura biss ghan-nom u in rappresentanza tal-istess Topfresh, u dan kif jirrizulta ampjament mill-kliem tal-iskrittura stess.* ***L-esponent la qatt issellef u lanqas qatt ma ggarantixxa l-imsemmi dejn fil-vesti personali tieghu, la f'dik l-iskrittura u lanqas sussegwentement.***

8. *Illi l-kliem tal-iskrittura ta' nhar it-12 ta' Marzu, 2010 huwa car u indubitabbli in kwantu jghid illi min-naha l-wahda dehru s-sekwestranti u min-naha l-ohra dehru "....Alfred Mizzi IN No 536357M, Clint Galea ID No 377582M, Saviour Micallef Id No 333765M u Herman Sant Id No 439971M* ***li konguntivament qieghdin jirraprezentaw lis-socjeta' maghrufa bhala Topfresh Trading Ltd...****" Il-kliem tal-iskrittura huwa car, fis-sens illi* ***s-sekwestrati f'isimhom personali dehru fuq il-kuntratt biss ghan-nom ta' Topfresh.*** *La darba huwa car illi ss-elf sar biss lil Topfresh, daqstant iehor jkun car illi kwalsiasi dritt li s-sekwestranti jista' jkun ghandhom, huwa biss fil-konfrint tal-istess Topfresh.*

9. *Illi a tenur tal-principju contra scriptum testimonium non scriptum testimonium non fertur, huwa mifhum illi meta il-partijiet jaqblu li jirriducu l-qbil taghhom ghall-kitba, tali kitba hija meqjsua li tinkludi l-qbil fl-intier tieghu. Fejn allura l-iskrittura hija cara, ma tistax tingieb prova viva voce kontra tali skrittura.*

10. *Illi fil-kaz odjern, tant l-imsemmija skrittrua hija cara, li lanqas ma huwa l-kaz li hemm xi lok ghal xi interpretazzjoni, u dan a tenur tal-artiklu 1002 tal-Kap 16, li jipprovdi espressament illi:*

> *"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni";*

*Dan il-principju filfatt jinsab ukoll rifless fil-gurisprudenza kostanti nostrana' f'dan is-sens per ezempju vide s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ta' nhar it-12 ta' Mejju, 1997 'Vincent Aquilina Vs Caterina Micallef' fejn gie ritenut illi : "Meta l-kliem ta' l-*

*att huma cari, l-interpretu għandu joqgħod għal dawn il-kliem u mhux jirrikorri għall-kongetturi".*

11. *Illi filfatt dan il-prinċipju ġie wkoll abbraċċat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fuq il-mertu tal-mandat odjern, ta' nhar l-4 ta' Ottubru, 2017, fejn innotat illi mill-iskrittura jirriżulta biċ-ċar li Alfred Mizzi, Clint Galea, Saviour Micallef u Herman sant, lkoll dehru biss għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata Topfresh. Dik l-Onorabbli Qorti kompliet billi qalet illi "riżultat ta' din il-kjarezza ta' ħsieb rigwardanti r-rappreżentanza in diżamina kif murija mill-partijiet involuti fl-iskrittura de quo, ma jirriżulta li hemm bżonn ta' l-ebda interpretazzjoni fir-rigward u konsegwentement, m'hemmx bżonn li wieħed jipprova jinterpreta x'setgħet kienet l-intenzjoni tal-kontraenti fir-rigward għaliex kienet espressa b'mod ċar u li ma jħalli l-ebda spazju għall-interpretazzjoni differenti."[3]*

12. *Illi għaldaqstant, peress illi jirriżulta biċ-ċar li s-self mis-sekwestranti sar lill-kumpannija Topfresh b'mod esklussiv, kwalsiasi pretensjoni li għandhom is-sekwestranti f'dan ir-rigward, għandha wkoll tkun diretta b'mod esklussiv lejn kumpannija Topfresh. Daqstant ieħor, kwalsiasi mandate maħruġ sabiex jikkawtela tali pretensjoni ma jistax ikun dirett lejn persuni oħra għajr l-istess Topfresh.*

13. *Illi dak li qiegħdin jittantaw jagħmlu s-sekwestranti jmur kontra l-prinċipju tal-personalita' ġuridika distinta tal-kumpanniji. Ma hemmx dubbju illi tali prinċipju huwa ben stabbilit u ben assodat fil-liġi u l-ġurisprudenza nostrana. Huwa paċifiku illi a tenur ta' dan l-istess prinċipju, kreditur ta' kumpannija ma jistax sempliċiment jaġixxi kontra firmatarju li jidher fuq kuntratt biss għan-nom ta' dik l-istess kumpannija. Aġir bħal dan ma juri xejn għajr mala fede da parti tas-sekwestranti li qiegħdin jippretendu li l-esponent għandu jagħmel tajjeb għall-kreditu li għandhom unikamnet kontra Topfresh.*

14. *Illi filfatt l-esponent kien ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju minn din l-Onorabbli Qorti li semgħet il-kawża fuq il-mertu, propju abbażi ta' dan.*

15. *Illi dan jirriżulta saħansitra mil-livell ta' eżami ta' prima facie. Is-sekwestranti, kif*

---

[3] Vide kopja tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' nhar l-4 ta' Ottubru, 2017 fl-ismijiet 'Claude Zammit et –vs- Saviour Micallef et' (457/2013), hawn annessa u mmarkata Dok B, para 22-27.

*dikjarat minnhom stess fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru odjern, qieghdin isejsu l-pretensjoni taghhom fuq l-iskrittura li taghmilha cara li d-debitur hija propju Topfresh u li l-esponent deher fuq dik l-iskrittura biss ghan-nom tal-istess Topfresh.*

16. *Illi ghalhekk anke minghajr ma wiehed jezamina l-mertu, u jistrieh biss fuq il-prima facie, jirrizulta bic-car illi filfatt ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn is-sekwestranti u l-esponent personalment.*

17. *Illi ghal kull buon fini l-esponent qieghed jikkonferma l-kontenut tar-rikors odjern bil-gurament tieghu.*

18. ***Illi ghalhekk hija l-umli sottomissjoni tal-esponent illi l-istess mandat kawtelatorju ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi in kwantu l-ammont mitlub ma hux prima facie gustifikat. Ghalhekk l-esponent ghandu d-dritt illi jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-mandat odjern limitatament fil-konfront tal-esponent Clint Galea, udan a tenur tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12.***

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi u dawk li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh:*

1. *Thassar u tirrevoka il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi bin-numru ta' referenza 701/2013, mahrug nhar it-13 ta' Mejju, 2013, u dan limitatament fir-rigward tal-esponent Clint Galea ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12;*

2. *Bl-ispejjez kontra is-sekwestranti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Claude Zammit (I.D. 186776M), Justin Zammit (ID 572578M) u Andre Zammit (ID 91515M), datata 2 ta' Mejju 2018, a fol 19 et seqq li taqra hekk:

1. *Illi permezz ta' rikors ipprezentat fit-13 ta' April, 2018, ir-rikorrenti sekwestrat Clint Galea talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru ta' referenza 701/13 limitatament fil-konfront*

*tieghu, u dan ai termini tal-Artiklu 836(1)(d) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' fuq il-bazi li l-ammont kawtelat permezz tal-mandat de quo ma huwiex prima facie gustifat jew huwa eccessiv;*

2. *Illi din it-talba tar-rikorrenti sekwestart Clint Galea hija legalment u fattwalment infondata u ghandha tigi michuda;*

3. *Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti stante li s-sekwestru bin-numru ta' referenza 701/13 gie segwit b'kawza li bhalissa qieghda fl-istadju tal-appell (kawza numru 457/2013 SM, deciza fl-4 t'Ottubru 2017).*[4] *Ghaldaqstant, ll-Qorti kompetenti biex tisma' it-talba odjerna hija l-Qorti tal-Appell, u dan ai termini tal-Artiklu 836(1) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipula: 'Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju,* ***jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel <u>rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza</u>*** *li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat';*

4. *Illi fid-decizjoni taghha moghtija fl-4 ta' Lulju 2013, fir-rikors fl-ismijiet* ***Norbert McKeon et vs Emanuel Azzopardi et*** *(Appell Civili Numru. 126/2013/1), il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ikkonfermat il-kompetenza taghha li tisma' rikors ghar-revoka ta' mandat kaetelatorju meta l-kawza pprezentata in segwitu tal-istess mandat tkun waslet fl-istadju tal-appell:*

   *'Fil-kuntest tal-eccezzjoni tal-konjugi McKeon marbuta mal-kompetenza ta' din il-Qorti li tiddeciedi fuq din il-kwistjoni, l-Artikolu 836(1) tal-imsemmi Kap. 12 jghid li rikors ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju, in toto jew in parte, ghandu jitressaq quddiem il-Qorti li tkun harget il-mandat, jew jekk tkun saret kawza quddiem il-Qorti li tkun qeghdha tittratta dik il-kawza.*

   ***F'dan il-kaz jirrizulta li l-atti tal-kawza jinsabu quddiem din il-Qorti, u l-fatt li s-smiegh tal-appell ma sarx, ma jfissirx li ma hijiex din il-Qorti li issa qed "tittratta" il-kaz.*** *Din l-eccezzjoni, ghalhekk, qed tigi michuda.'*

[4] Appell ipprezentat fl-24 t'Ottubru 2-17 – vide Dok A.

5. *Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal din l-ewwel eccezzjoni, f;'dan l-istadju din il-Qorti trid tezamina biss jekk prima facie l-esponenti ghandhomx bazi guridika ghall-pretensjonijiet taghhom kontra r-rikorrenti sekwestrat, u jekk humiex gustifikati jikkawtelaw dawn il-pretensjonijiet permezz ta' sekwestru ghall-eventwali ezekuzzjoni ta' sentenza favur taghhom. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija fit-23 t'Awissu 2017, fl-ismijiet Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon noe vs Elitavia Malta Limited et, fejn din il-Qorti spjegat:*

   *'Ghad illi l-ezami li jrid isir a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap.12 huwa aktar fil-fond mill-ezami pjuttost formali u superficjali li jsir qabel il-hrug tal-Mandat, tenut kont anki ta' dak li jinghad specifikament fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 subinciz (d), l-ezami li jrid isir hawnhekk, xorta wahda jibqa' llimitat ghal-livell ta' prima facie.*

   *Illi fir-rigward ta' proceduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti kemm-il darba ghamlitha cara illi hija b'ebda mod ma ghandha tidhol fil-fond tal-vertenza ghaliex din il-procedura hi mahsuba li tkun wahda sommarja, u l-ezami taghha ghandu jkun biss fuq bazi prima facie.'*

6. *Illi r-rikorrenti sekwestrat jibbaza t-talba tieghu ghar-revoka tas-sekwestru fuq l-allegat nuqqas ta' relazzjoni guridika bejnu u bejn l-esponenti, u in sostenn ta' dan huwa esebixxa l-iskrittura datata 12 ta' Marzu 2010, permezz ta' liema l-esponenti silfu l-ammont ta' mija u hdax-il elf Ewro (€111,000);*

7. *Illi ghalkemm huwa minnu li r-rikorrenti sekwestrat Clint Galea deher fuq l-istess skrittura in raprezentanza tal-kumpanija Topfresh Trading Limited, <u>huwa dejjem iggarantixxa, b'mod solidali mas-sekwestrati l-ohra, il-hlas tas-somma mislufa mill-esponenti u kien hemm filfatt diversi drabi fejn is-sekwestrati hallsu xi imghaxijiet personalment jew b'kumpaniji lilhom personalment;</u>*

8. *Illi di fatti, fix-xhieda tieghu in kontro ezami, wiehed mis-sekwestranti kkonferma li:*

   *'Nonostante l-iskrittura a fol 4 ninforma lill-Qorti illi l-erbgha li ahna hemm indikati ghamilna tajjeb ghas-self personalment'*[5].

[5] Vide x-xhieda ta' Saviour Micallef in kontro ezami fl-4 ta' Frar 2016 (vide fol 165-66 tal-atti proccesswali tal-

9. *Illi di piu ir-rikorrenti Clint Galea kien ta' spiss jghaddi pagamenti lill-esponenti permezz ta' kumpanija li kienet tappartjeni lilu personalment, bl-isem ta' ACH Foods & Beverages Imports Ltd, kif jirrizulta mid-diversi ircevuti li gew esebiti li prezenzjalment tinsab fl-istadju ta' appell;*

10. *Illi inoltre r-rikorrenti sekwestrat qatt ma kellu r-rapprezentanza tal-kumpanija Topfresh Trading Limited, u qatt ma giet esebit xi resoluzzjoni tal-kumpanija f'dan is-sens;*

11. *Illi l-kumpanija Topfresh Trading Limited waqfet topera fis-sena 2010, u kien proprju ghalhekk li saret l-iskrittura tat-12 ta' Marzu 2010, u dan sabiex ikun hemm rikonoxximent u garanzija li kien gie misluf mill-esponenti;*

12. *Illi dan kollu gie spjegat mill-esponenti b'mod izjed dettaljat fir-rikors tal-appell taghhom, fejn jirrizulta car li huma qeghdin fermament jikkontestaw id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu lliberat lir-rikorrenti sekwestrat (kif ukoll lis-sekwestrati l-ohra apparti l-kumpanija Topfresh) mill-osservanza tal-gudizzju;*

13. *Illi ghaldaqstant l-esponenti naturalment jehtigilhom ikomplu jikkawtelaq il-pretensjonijiet taghhom permezz tal-mandat ta' sekwestru odjern, hekk kif mahrug gil-konfront tal-sekwestrati kollha, li kollha iggarantew id-dejn personalment u solidament bejniethom;*

14. *Illi ssir referenza ghas- sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Lulju, 2015 fl-ismijiet* ***Therese Mangion Galea vs Desmiond Stanley Stewart*** *(rikors numru 336/2005), fejn gie spjegat: 'Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont*

---

kawza bin-numru ta' referenza 457/2013SM)

*minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkeljew imgarrab b'leggerezza, u l-iehordaqtsant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti.*[6]

*(...)*

*Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir*[7] *jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat.'*

15. *Illi inoltre tajjeb illi jigi rilevat f'dan l-istadju illi l-gudizzju illi l-Qorti tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi proceduri bhal dawn huwa marbut ma' ezami formali tal-att li tieghu qieghed jintalab revoka (ara* ***Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugis noe et*** *deciza nhar it-23 ta' Gunju, 1994). Dan ifisser illi din l-Onorsbbli Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqa t'ghajn li l-esponenti ghandhom bazi ta' pretensjoni (ara* ***Vincent Mercieca vs George Galea*** *deciza nhar id-29 ta' Novembru 2001);*

16. *Illi l-unika ezami li trid taghmel din l-Onorabbli Qorti huwa dak biss ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu, u cioe' l-aggravju rigwardanti l-liberazzjoni tar-rikorrenti sekwestrat mill-osservanza tal-gudizzju, ser jigi investigat u deciz mill-Qorti tal-Appell u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju (ara* ***Jospeh Camilleri et vs Anthony Gove' et*** *deciza nhar l-10 ta' Mejju 2001, rikorsnumru 286/2001/RCP:* ***Jospehine Sammut vs Emanuel Sammut et*** *deciza nhar id-29 ta' Novembru 2001; u* ***Technobroadcast s.r.l vs Meditterranean Broadcasring Equipment Ltd*** *deciza nhar il-5 ta' Gunju 2007, rikors bin-numru 340/2007/RCP);*

*Illi ghaldaqstant fic-cirkostanzi huwa ovvju li prima facie l-pretensjoni tal esponenti hija*

[6] Ara P.A RCP 29.11.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Vincent Mercieca vs George Galea**
[7] Ara P.A GV 6.12.1999 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs Exalco Holdings**

*ben fondata u ma tezisti ebda raguni sabiex jinghad illi l-ammont mitlub huwa eccessiv jew mhux gustifikat. Ghaldaqstant il-pretensjoni tar-rikorrenti sekwestrat in kwantu bbazata fuq l-artiklu 836(1)9d) tal-Kap 12 ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti sekwestrat.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Dan huwa provvediment wara talba maghmula minn Clint Galea ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 701/13 fir-rigward tieghu ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Galea jargumenta in sostenn tat-talba tieghu illi fuq l-iskrittura datata 12 ta' Marzu 2010 hu ma kienx deher personalment izda biss in rapprezentanza tal-kumpanija Topfresh, u dan kif filfatt gie kkonfermat bis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 4 ta' Ottubru 2017.

Is-sekwestranti oggezzjonaw ghal din it-talba u ressqu eccezzjoni preliminari fis-sens illi din il-Qorti m'hijiex kompetenti sabiex tiddeciedi t-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru peress illi galadarba l-kawza fuq il-meritu giet deciza u hemm appell pendent, hija l-Qorti tal-Appell li hija kompetenti sabiex tiddeciedi fuq it-talba ghar-revoka, u dan ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 836 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi illi:

> "***Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħtdan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu…***"

Il-Qorti taghraf illi kien hemm zmien fejn il-Qrati Maltin interpretaw dan l-Artikolu fis-sens illi f'kas li l-appell ma jkunx ghadu gie appuntat, il-Qorti kompetenti tibqa' dik tal-ewwel

istanza, u dan kif jidher mis-sentenza ccitata mir-rikorrent fl-ismijiet **Joseph Borg et vs Diomede sive Amadeo Cassar** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Marzu 2006.

Illi pero jirrizulta illi l-gurisprudenza fuq l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu llum il-gurnata inbidlet. Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen Tanti et vs Louis Scerri Montalto et** deciza fis-27 ta' Marzu 2015, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi kienet hi li kellha l-kompetenza sabiex tisma u tiddeciedi r-rikors ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju ghaliex

> **"*…fil-kaz in ezami peress li l-kawza mhux talli gia` nbdiet izda anke giet deciza fl-ewwel istanza u sar appell minn dik is-sentenza, hija din il-Qorti li bhalissa qed tittratta l-kawza; <u>kwindi hija l-unika Qorti </u>li qed taghmel dan u allura r-rikorrenti kellhom jipprezentaw it-talba taghhom quddiemha kif jghid l-artikolu msemmi.*"**
> **(Enfasi ta' din il-Qorti)**

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Norbert Mckeon et vs Emanuel Azzopardi et** deciza fl-4 ta' Lulju 2013, ukoll citata mis-sekwestranti, l-Qorti tal-Appell rrilevat illi:

> **"*…l-Artikolu 836 (1) tal-imsemmi Kap. 12 jghid li rikors ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju, in toto jew in parte, ghandu jitressaq quddiem il-Qorti li tkun harget il-mandat, jew jekk tkun saret kawza quddiem il-Qorti li tkun qeghdha tittratta dik il-kawza.***
>
> ***F'dan il-kaz, jirrizulta li l-atti tal-kawza jinsabu quddiem din il-Qorti, u l-fatt li s-smiegh tal-appell ma sarx, ma jfissirx li ma hijiex din il-Qorti li issa qed "tittratta" il-kaz. Din l-eccezzjoni, ghalhekk, qed tigi michuda.*"**

Il-Qorti rat illi l-kawza li kienet giet intavolata mis-sekwestranti kienet giet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Ottubru 2017, u minn din is-sentenza kien gie ntavolat appell fl-24 ta' Ottubru 2017, li ghadu ma giex appuntat. Illi madanakollu, mill-gurisprudenza citata jidher li l-posizzjoni tal-Qrati Maltin llum il-gurnata hija illi hekk kif jigi ntavola appell, hija l-Qorti tal-Appell li hi vestita bil-kompetenza sabiex tisma u tiddeciedi talbiet ghar-revoka ta' Mandati ta' Sekwestru kawtelatorji. Ghalhekk, jirrizulta illi l-

eccezzjoni tas-sekwestranti illi din il-Qorti m'hijiex kompetenti sabiex tiddetermina t-talba ta' Galea hija fondata u ghandha tigi milqugha.

Il-Qorti taghraf illi permezz ta' emendi li dahhlu fis-sehh fl-2016, fil-kaz li eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tigi milqugha, l-azzjoni m'ghandhiex tigi ddikjarata nulla. Dan ghaliex l-Artikolu 741 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif emendat jipprovdi illi:

> "***Meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:***
>
> ***Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta'dik il-kawża:***"

Illi ghalhekk huwa car li d-dover tal-Qorti f'kaz bhal dan huwa li, permezz ta' digriet *camera* tordna li dawn l-atti jigu trasferiti lil Qorti tal-Appell li skont il-ligi hija vestita bil-kompetenza sabiex tiddeciedi it-talba maghmula lil din il-Qorti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-sekwestranti, tiddikjara illi din il-Qorti m'hijiex kompetenti sabiex tiddeciedi t-talba odjerna.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**